# Wara Tnejn u Sebghin Sena!

KIF jindammu l-ġrajja!

Jien minn nisli, għax jien u ħuti kollha, ulied missieri, ħabib minn qaddisu fa' l-ilsien Malti, ħriġna lkoll inħobbu 'l lsienna u niġġieldu u nissieltu għalih fejn hu dmirna.

Alla u lsienna!

Kif għedna, barra li l-Malti ħriġt inħobbu minn qaddisi, ix-xjuħ inħosshom ikattruli l-ġibda lejn dan ilsien imbierek li tagħni Alla u li rdajtu minn sider ommi l-għażiża, Alla jtiha sebħ il-ġenna, u nħossni għandi seħer għal urajhom. Kieku kienet ħaġa tal-lum, din il-ġibda, kontu tgħiduli ma' Salamun: "kull par għall-paru", iżda din il-ħrara ilha tkebbes fija sa minn żogħżiti; mix-xjuħ dejjem tisfa' tikseb xi ħaġa ta' fejda jew li qatt ma tkun bsart biha; għalhekk igħidu "l-għaġuża ma tridx tmut"

Hutna tax-xaqlibiet ta' -ibliet, 'l ilsien Malti għamlulu gwerra iżda r-raħlin ħallew f'qalbhom għażiż u maħżuż dak li redgħu minn misserijiethom billi dejjem miftumin min-nies ta' l-ibliet u għalhekk żammewh dejjem safi, mseddaq u bla mit-tiefes.

Nidħlu issa għall-għan li għalih ħarbixna dawn l-erba kel-miet. Kif għedna moqbejl, mix-xjuħ dejjem tista' tislet xi ksiba tajba u fejjieda għax il-qawl Malti jgħid: "Kliem ix-xiħ żomm fih"!

Kont għadni ma ksirtx iż-żmien ħelu tat-tfulija, il-ħajja ta' bla ħtija, meta kont nisma' l' ommi tgħid: "... kemm kien ra-ġel tar-ruħ missier missierkom, in-nannu Feliċ!"... iżda dak iż-żmien, qajla kont nista' nifhem kemm tfisser din il-kelma; u għalhekk qatt ma ħabbilt moħħi fuqha; u minn dawn il-jiem tat-tfulija sal-lum, jiġifieri minn xi 57 sena 'l hawn, qatt u minn ħadd ma smajt l-inqas kelma fuq dan in-nannu Feliċ, iżda l-kel-ma ta' ommi baqgħet tidwi f'widnejja qisha biċċa mill-Kredu.

Meta biż-żmien il-moħħ jitgħammar u jsir jaf jaħseb, minn xi daqqiet tolqtok kelma li ma ttikx qalbek terħilha għaddejja mar-riħ; hekk ukoll ġara lili.

Għodwa waħda mort it-triq igħidulha "Tal-Baqar", lejn "tas-Samra" l-Hamrun, billi f'dawk l-inħawi kelli ħabib u ridt nistaqsih xi ħaġa fuq il-kelma "anċiż" jew "ancis". Dan ħabibi

bennej, u din il-kelma jgħiduha biss il-bennejja; iżda ma qtajtx xewqti, billi ħabibi, Anġlu l-bennej, għajjur qawwi tal-kaċċa, dak in-nhar ma sibtux hemm u bintu qaltli : iss'issa ħareġ bil-bus għal xi tajra.

'In-naħa ta' fejn mar?'' staqsejtha jien.

''Hawn, fuq Tal-Hodba—fuq ir-riħ tal-Basli''; u wrietni b'idha xatba, madħal ta' għalqa.

Tgħid idum ma jiġi?''

''Issa għadu kif ħareġ...''

''Idħol ittennih nitfa hawn,'' nisma' leħen minn ġewwa, mitfi u ħannien, taqtgħu mxennaq biex jitfarraġ igħid xi kelma ma xi għarib, għax ta'' ġewwa qajla kienu jersqu lejh, għajr biex iduru miegħu għal xi qadja u jnewlulu l-ikel.

Kien missier Anġlu, bil-qiegħda fuq siġġu qasir maqagħdu tas-sogħda b'ħatar f'idu fuqhiex jitwieżen, mixdud bil-ġlekk, bil-kappell u s-sabbat imgennen wara bwieba ta' barra magħluqa u huwa n-naħa ta' ġewwa, mirfud tajjeb biex jilqa' għall-bard bi xkora fuq kiftejh, donnu qed jistenna l-ħniena, jinqala' xi ħadd ma' min iqatta' siegħa żmien billi b'mard-il-kobor id-dawl bil-qajla l-qajla kien għeblu minn għajnejh. Kienu l-ewwel jiem tax-xahar tal-Milied qegħdin jixirfu minn xefaq id-dinja għaddejjin jiġru bħar-riħ biex jintradmu u jindammu, hu u ħutu l-oħra ma' l-iżmna tas-sena.

''Ara... x'hemm Mikiel,'' weġibtu jien, maħlul minn dak il-leħen ħiemed u ferrieħi tax-xiħ, malli laqat ma' widnejja. ''Kemm ili ma narak! minn mindu metitlek is-sieħba ma żidtx rajtek, Mikiel.''

''Idħol, ħabib''. Mikiel qam, twieżen fuq il-ħatar, newwilli siġġu li kellu quddiemu, ħakem b'idu l-oħra dak ta' taħtu, medd żewġ passi, billi mar-rokna ta' l-istess ħajt kellu s-sodda; niżel baxx fuqha u s-siġġu ta' taħtu ressqu quddiemu biex ikun jista' jwieżen saqajh max-xikel, u qalli : ''Inxteħet hawn ħdejja, ħabib''. Mikiel kien imxennaq bħal ruħ tal-purgatorju ma' min igħid kelma billi l-imsejken agħma, ma kienx jara ħlief dlamijiet iħabbtu ma' wiċċu; u kien ikun mejjet biex tinqala' xi ruħ tqattagħlu nitfa ż-żmien. Kellux għal fejn! dejjem waħdu, kulħadd ilhid ma' min iferraħ qalbu!

''Ilek tabilħaqq ma tarani; taf li ili nieqes minn hawn mattliet snin?Billi f'dawn l-imkejjen kienu ġew il-bombi tal-Ġermaniż, it-tfal beżgħu, ħarbu lejn San Pawl il-Baħar huma u n-

nisa tagħhom u uliedhom u lili karkruni magħhom, iżda issa ili hawn mat-tliet xhur."

"Hawn aħjar f'darek."

"U hemm ukoll f'tagħna; iżda billi mdorri hawn, għalkemm bla dawl, f'dawn l-imkejjen inħossni iżjed f'sikkti".

Mikiel, barra li kien bla dawl, minn widnejh ma tantx kien għadu jieħu iżda minn moħħu kien għadu tajjeb u jiftakar ġrajjietu kollha.

"Tgħid jiddawwar, Anġlu," nbixtu jien biex inħajru jgħid xi kelma.

"Dalwaqt tarah hawn, u l-lum mhux garbu l-kaċċa, min jaf x'fettillu joħroġ, hu hawn ikun, f'tagħna wkoll, f'dawn iż-żewġt iħbula raba' fuq 'Tal-Hadba', x'iktarx ikun igħaddi nitfa ż-żmien ġoċ-ċarru ma' ġenb kmajra fejn jista' jistkenn u jiftaqad il-għalqa u jġib miegħu xi ħożżieqa aħdar għan-nagħġa; il-lum iddaħħalx f'rasek li ser jara xi tajra! Iżda min ikollu n-namra tgħidx x'jagħmel. Fil-btajjel 'l hinn imur u erħilu jġorr l-ixkubetta miegħu bla ma jħaddimha."

"Kemm tgħodd, Mikiel?"

"Qlibt id-disgħin sena jew appik... tgħidx iżda kemm stinkajt fi żmieni! Nižżi ħajr 'l Alla, għallinqas meta kbirt u s-saħħa ħallietni, sfajt imdawwar b'niesi u maġejtx f'idejn in-nies u hawn tiegħi wkoll u jien ta' Alla... meta jogħġob Lilu jgħajjatli."

"Iseddqek il-Mulej," weġibtu jien meta smajt minn fommu għadd is-snin; "u kemm hu kbir Alla..."

"U aħna kemm aħna żgħar, fiċ-ċokon tagħna, qegħdin 'l isfel wisq biex nintrefgħu sa ħdejh, hemm fuq... 'il fuq... 'il fuq! Hux tabilħaqq?" qalli b'ħeġġa Mikiel, huwa u jgħid hekk għajnejh imtlew bid-dmugħ!

"Tabilħaqq! Huma żewġt itruf, aħna u Alla! Dan bla turfien...U aħna... aħna... ġol-fondoq ta' dan il-għasri...! Iżda Kristu qiegħed Lilu nnifsu bejjieni, b'rabta Miegħu, biex dawn iż-żewġt itruf isensilhom u jagħmilhom ħaġa waħda," żidt għedtlu jien; "mela aħna ta' Kristu, u Kristu huwa Alla! Mela aħna ta' Alla sewwa sew kif għedt inti, Mikiel."

"Kollox Alla jaħkem u jqassam! Id-dawl minn għajnejja Hu ħadhuli, għax Tiegħu kien; u l-biċċtejn ġebel u l-qabda trab Hu wkoll ried jagħtihomli; u kollox fuq kollox għall-ġid tiegħi! Jien qatt ma ntrabatt mal-ħabba, 'l uliedi ili li qassamtilhom kisbi kollu."

"Tlifna kemmxej' ir-rotta, Mikiel...", għedtlu jien; "dħalna f'baħar ieħor..."

"U... ma ġara xejn, la ma qbiżniex fil-għalqa tal-ġar! Konna qegħdin nitkellmu fuq kemm ħdimt sa ma kbirt u kemm rajt ma' wiċċi!"

Iva Mikiel."

"Ħdimt u batejt f'għomri... u rajt, il-ħeġra—il-merra! Meta kont tfal, kemm kelli?... tnax-il sena? missieri kien jibgħatni bil-mogħoż inbigħ il-ħalib il-belt ma' waħda mara mdaħħla fiż-żmien; kien ikun ksieħ ixoqq il-għadam fix-xtiewi! Fl-erbgħa kont inkun fuq saqajja; inħammlilhom..." hawn Mikiel rama jħott il-marden... u erħilu jgħid... "Niftakar, kont ingħaddi għand waħda sinjura, jekk għadni niftakar tajjeb, il-Markiża ta' Apap Bologna, kienet toqgħod 'il hinn minn Santu Wistin; din kienet tibgħatni l-Kunvent tar-rħieb Tal-Karmnu naħilbilhom tnax-il tazza ħalib kuljum, u jien u tiela' kont nerġa' ngħaddi għandha u tħallasni".

Kif ix-xiħ semmieli l-knisja Tal-Karmnu fakkarni fil-Madonna, u donk staqsejtu: "Tħobbha xejn il-Madonna, Mikiel?"

"U nħobbha ngħid! Għandix għax inħobbha tgħid! Hi tatni d-dawl f'għajnejja!"

"U dan kif?" staqsejtu jien, xewqan nisma' xi ħaġa li tħennili qalbi, meta tajtu daqqa ta' għajn b'ħarsa ta' sliem.

"Meta kont tifel," qalli Mikiel, "kelli xi seba' snin jew tmienja kont għemejt għal ta' kollox, irkibt il-ġidri mingħand oħti u meraħli ma' wiċċi kollu; f'għajnejja tfaċċawli żewġ panni u xorbuli d-dawl sa l-inqas naqra; kien jiġi jarani t-tabib tar-raħal."

"Int mnejn int?"

"Aħna minn Ħal Qormi; dat-tabib kien raġel tar-ruħ wisq, u l-foqra tar-raħal ma kienx jeħdilhom ħabba; meta ma kienx jibgħatilhom id-duwa b'xejn u jnewlilhom f'qiegħ idhom xi ħaġa tal-flus ukoll. Kien iħobbhom lill-fqar, Alla jtih mitt ġenna! Isma' ħabib," żied igħidli Mikiel. "missieri taf x'kien igħidilna: Min jagħmel l-agar ma jinħeliex."

"Daqshekk hu," weġibt jien. "Il-foqra u t-tfal huma l-mimmi ta' għajnejn Kristu, miskin hu min iżeblaħhom! Dan it-tabib x'kien jismu?" staqsejt bi ħrara.

"Tgħidlix x'kien jismu! kien ikun dejjem ma' tabib ieħor, igħidulu tas-Sur Nikola, raġel tajjeb u minn tagħna mhux inqas minnu."

"Ma tafx x'kien kunjomu dan it-tabib tar-raħal li kien jiġi jarak ma' tas-sur Nikola?"

"Aħna, bil-kunjom ma nafu l-ħadd; il-flien u l-fliena bil-laqam insibuhom! taf x'naf li kienu jgħidulu? tas-Sur Feliċi."

Jiena, mal-kelma "tas-sur Feliċi" li tbexxqet minn bejn dawk is-snien sħaħ, iżda sofor, tax-xiħ, u ħabtet ma' widnejja, ħafif daqs l-imrieżaq tax-xemx li jaqbżu fuq id-dinja malli sħaba li tkun tgħattihom, tiżgiċċa b'ġirja minn taħthom, mir-riħ qawwi li jkun isuqha. "is-sur Feliċi?" staqsejtu mimli għaġeb, "dak jiġi n-nannu tiegħi, missier missieri!"

Hawn dlonk ftakart fil-kelma li kienet tgħid ommi fi tfuliti: "Kemm kien iaġel tar-ruħ in-nannu Feliċ!"

"Mela dan it-tabib nannuk? Alla jtih il-ġenna, u lili ma jinsinix! kien jiġi jarani kuljum. Għodwa waħda, meta ġie qal.i:

"Mikiel!"

"Hawn, sinjur."

"Hawn fuq rasek, kellek inkwatru Tal-Karmnu; urihuli b'sebgħek, ħalli nara tiftakarx fejn hu qiegħed.

"Naf, ingħid, sinjur! mhux hemm?" u b'sebgħi l-werrej urejtu l-inkwatru, sewwa sew fejn kien imdendel.

It-tabib warrabli qajl qajl il-għata li kelli fuqi, ħakimni b'idejh it-tnejn minn taħt abtejja u niżżilni wieqaf għall-qiegħa ta' l-art, meta qalli: "Hanini! Ntefa' għarkobbtejk quddiem Dik is-Sinjura Setgħana Omm Alla, Dik li issa b'sebgħek urejtni x-xbiha Tagħha. Din hija: is-Saħħa tal-morda! F'idejha d-duwa li biha tista' troddlok id-dawl f'għajnejk, u mhux f'idejna t-tobba! Id-dawl, ibni, maqtugħ għal kollox minn għajnejk!! Itlobha! Hi tħobbok... Itlobha bil-qalb! Din mhux biss tħobbok, iżda setgħana wkoll, għaliex Qalb Binha f'Idejha! Dak li trid Hi jridu Hu......"

Jiena tlabt quddiem l-inkwatru Tal-Karmnu b'ħerqa kbira, kif amarli t-tabib, u wara li għenni nqum, daħħalni fis-sodda, għattieni u leffifni qab il-gvieret, taptapli fuq ħaddi l-leminija, meta qalli: "Ibqa' itlobha 'l Madonna. Saħħa ibni," u ħallieni Din kienet l-aħħar għodwa illi t-tabib ġie jarani.

Domt tlitt ijiem nitlobha l-Madonna, b'wemen qawwi u sħiħ li tagħtini d-dawl f'għajnejja. Fit-tielet jum, il-panni li kienu ġewwa għajnejja għebu għal kollox u ġieni d-dawl f'għajnejja safi u sabiħ kif ħalaqhuli Alla."

"Il-kelma ħat-tabib riedet tkun," qalli Mikiel, "u l-Madonna, biex raddli d-dawl u ġejt nara. Lil Din ix-Xebba safja Omm Alla għadni u nibqa' nħobbha, għax Hi wkoll li issa trid tkun biex tieqaf miegħi waqt mewti, erbat ijiem oħra."

Għedt f'qalbi: kellha titwettaq f'widnejja l-kelma t'ommi l-għażiża. 21 sena wara mewtha u 72 sena wara l-mewt ta' missier missieri!

Il-ġid ma jintesa qatt, u jibqa' jisseddaq u jissiefaħ fuq wiċċ id-dinja mill-kelma tat-tajjeb, għax dak li jitwieled mis-safa tar-ruħ jibqa' għal dejjem u jsaltan sad-dwiem mal-Mulej; u Dan, f'Jum il-Ħaqq, lil dawk li wettqu tagħlimu bil-għemil u bil-ħidma safja, igħidilhom:

"Ejjew ħudu għalikom is-Saltna mwaqqfa sa mill-ħolqien ħad-dinja, għax Jiena kont bil-ġuħ u intom tmajtuni."

18. 1. 1944. R.M.B.